# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar iT-Tlieta 12 ta' Gunju, 2001 .

## Citazzjoni numru : 151/97G1(PC)

**Maria mart John Zerafa u l-istess John Zerafa .**

**VS**

**Chairman Korporazzjoni Enemalta, u Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex, u b'verbal tat-28 ta' Ottubru, 1999 il-kliem "Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex" gie sostitwit bil-kliem "Ministeru ghal Ghawdex" .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :**

**Illi huma proprjetarji ta' porzjon art maghrufa bhala l-"Mandra ta' Anni" tal-kejl ta' cirka mitejn u tmenin metri kwadri (280m.k.) jew kejl iehor verjuri, accessibbli minn sqaq li jizbokka fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex ;**

**Illi ricentement u cioe` madwar erba' gimghat ilu haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta dahlu fil-proprjeta' tal-atturi ad insaputa u minghajr il-kunsens taghhom u ttraversaw fil tal-elettriku mill-imsemmija porzjon art biex fornew bl-elettriku brazz li twahhal fi proprjeta' privata ta' certu George Grech ghall-konvenjenza tal-istess George Grech ;**

**Illi l-fil tal-elettriku fil-proprjeta' tal-atturi sar minghajr ebda avviz lill-atturi, b'inkonvenjent lill-istess atturi, u bi ksur tad-drittijiet taghhom ;**

**Illi l-agir tal-Korporazzjoni Enemalta huwa abbusiv u manifestament lesiv tad-drittijiet ta' proprjeta' tal-atturi ;**

**Illi l-istess xoghlijiet setghu jsiru xort'ohra minghajr ma tigi affettwata l-proprjeta' tal-atturi ;**

**Illi huwa maghruf lill-atturi li l-istess xoghlijiet saru minghajr ma kienu awtorizzati b'ordni mill-Ministru responsabbli ghall-energija bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 81 tal-Ligijiet ta' Malta ;**

**Illi xi xhur ilu haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta kienu ppruvaw darba ohra jghaddu dan fil iehor tal-elettriku mill-proprjeta' tal-atturi izda dan kien gie mnehhi wara li l-istess Korporazzjoni kienet giet interpellata tnehhi kull xoghol li kien sar fil-proprjeta' tal-atturi bi ksur tad-drittijiet taghhom permezz ta' protest gudizzjarju tad-9 ta' Jannar 1997 ;**

**Illi wara li ricentement il-fil tal-elettriku rega' gie mghoddi ghal darba ohra mill-proprjeta' tal-atturi l-konvenuti kienu regghu gew interpellati jnehhuh permezz ta' protest gudizzjarju iehor tal-15 ta' Lulju, 1997, pero' sal-lum il-fil baqa' ma giex rimoss .**

**Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandiex din il-Qorti :**

1. **Tiddikjara illi l-fil tal-elettriku mghoddi mill-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta ta' inkonvenjent mill-proprjeta' tal-atturi sar b'mod abbusiv bla avviz ta' xejn u huwa lesiv tad-drittijiet ta' proprjeta' tal-atturi ;**

2. **Tikkundannahom jew lil min minnhom sabiex inehhu il-fil traversanti l-proprejta' tal-atturi fuq imsemmija u tipprefiggilhom terminu ghal dan il-fini ;**

3. **Taghti dawk l-ordnijiet u tiehu dawk il-provvedimenti kollha opportuni biex jitnehha dan il-fil tal-elettriku fin-nuqqas li l-konvenuti jnehhuh fit-terminu li jigi prefiss minn din il-Qorti .**

**Bl-ispejjez inkluzi taz-zewg protesti gudizzjarji tad-9 ta' Jannar, 1997 u tal-15 ta' Lulju, 1997 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsabu imharrkin .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess atturi kkonfermata bil-gurament ta' Maria Zerafa .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-segretarju parlamentari ghal Ghawdex illi eccepixxa :**

1. **Illi s-Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex ma huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talba tal-atturi liema talbiet jikkoncernaw biss lill-Korporazzjoni Enemalta .**

2. **Salv eccezzjonijiet ohra .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess Segretarju Parlamentari ghal Ghawdex ikkonfermata bil-gurament ta' Dr. Anton Refalo .**

**Rat ukoll il-verbal ta' Dr. Mario Xerri ghall-atturi, tat-30 ta' Ottubru, 1997, fejn iddikjara illi l-mertu kien gie ezawrit u baqa' biss il-kustjoni ta' l-ispejjez .**

**Rat ukoll in-nota tal-Korporazzjoni Enemalta tat-30 ta' April, 2001, li permezz taghha l-istess Korporazzjoni ammettiet it-talbiet attrici rigward il-kap ta' l-ispejjez .**

**Il-Qorti ghal hekk u in vista ta' din l-ammissjoni, filwaqt illi tillibera lill-konvenut Ministeru ghal Ghawdex mill-osservazzjoni tal-gudizzju, tilqa' t-talba ta' l-atturi fil-konfront tal-korporazzjoni konvenuta, bl-ispejjez kontra l-istess Korporazzjoni .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

S15197Pc